MT

IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

Analiżi Rapida dwar Każ Speċifiku

Il-mod kif il-Kummissjoni timmonitorja l-appoġġ tal-UE għal Euronews

Mejju 2019

Werrej

	Paragrafu
Introduzzjoni	01-03
Ambitu u approċċ	04-05
Operat ta’ Euronews	06-09
Interess ġenerali tal-UE u missjoni ta' servizz pubbliku	10-12
Indipendenza editorjali	13-16
Finanzjament, kontroll u monitoraġġ	17-27
Qafas għar-rappurtar dwar il-prestazzjoni	28-31
Konklużjoni	32-37
Anness I - Xandara mill-UE u ta’ pajjiżi terzi u awtoritajiet pubbliċi lokali	
Anness II - Objettivi tal-Ftehim Qafas ta’ Sħubija għall-perjodu 2017 – 2021 u indikaturi relatati	

Introduzzjoni

01 Euronews huwa stazzjon televiżiv tal-aħbarijiet multilingwu, li jittrażmetti fuq 24 siegħa. L-istazzjon tnieda fl-1993 minn grupp ta' 10 xandara pubbliċi Ewropej, li kienu jiffurmaw parti mill-Unjoni Ewropea tax-Xandir (EBU), bil-għan li tissaħħaħ kemm l-identità kif ukoll l-integrazzjoni Ewropea.

02 Sa minn meta nħoloq dan l-istazzjon televiżiv, il-Kummissjoni Ewropea appoġġatu u sponsorjat il-produzzjoni ta' programmi dwar affarijiet kurrenti tal-UE. Dan l-appoġġ ingħata f'forom differenti matul is-snin. Mill-2010, b'segwitu għal Deċiżjoni tal-Kummissjoni fejn iddikjarat li Euronews jikkontribwixxi għall-interess ġenerali Ewropew fil-qasam tal-informazzjoni[1], il-fondi tal-UE ġew ipprovduti permezz ta' Ftehimiet Qafas ta' Sħubija suċċessivi. Fl-2018, il-Kummissjoni impenjat EUR 19.96 miljun għall-appoġġ ta' Euronews, permezz tal-linja baġitarja ta' Azzjonijiet ta' Multimedia.

03 Fl-2014, il-Kummissjoni ddikjarat l-intenzjoni tagħha li tiżviluppa u tippromwovi mudell kummerċjali sostenibbli għal Euronews, inkluż billi jkompli jiżviluppa l-missjoni tiegħu ta' servizz pubbliku, billi tgħin biex jiġu identifikati sħab ġodda u billi tagħmel użu aħjar tat-teknoloġiji ta' trażmissjoni diġitali, b'osservanza sħiħa tal-indipendenza editorjali ta' Euronews[2]. Fl-2015 u l-2017, żewġ azzjonisti privati ġodda, akkwistaw kapital tal-ishma, bir-riżultat li l-istazzjon issa huwa 85 % proprjetà ta' investituri privati u 15 % proprjetà ta' xandara mill-UE u minn pajjiżi terzi, kif ukoll ta' awtoritajiet pubbliċi lokali (ara l-***Anness 1***). Dawn l-iżviluppi kienu akkumpanjati minn għadd ta' trasformazzjonijiet tal-intrapriża.

---

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-6.10.2010 dwar il-programm ta' ħidma annwali emendat u fir-rigward ta' għotjiet u kuntratti pubbliċi fil-qasam tal-komunikazzjoni għall-2010.

[2] L-ittra ta' missjoni tal-President tal-Kummissjoni lill-Kummissarju għall-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali, Settembru 2014.

Ambitu u approċċ

04 Din l-analiżi rapida dwar każ speċifiku teżamina l-iżvilupp tar-relazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u Euronews bejn l-2014 u l-2018 u l-attivitajiet li twettqu mill-Kummissjoni biex timmonitorja l-implimentazzjoni tal-Ftehim Qafas ta' Sħubija attwali. L-informazzjoni analizzata f'dan ir-rapport inġabret bejn Diċembru 2018 u Frar 2019 permezz ta' intervisti ma' uffiċjali mid-Direttorat Ġenerali għan-Netwerks tal-Komunikazzjonijiet, il-Kontenut u t-Teknoloġija (DĠ CNECT) u mal-maniġment ta' Euronews, analiżi dokumentarja tal-informazzjoni finanzjarja u operazzjonali pprovduta mill-Kummissjoni u minn Euronews, kif ukoll riċerka bbażata fuq l-informazzjoni pubblika disponibbli.

05 Din l-analiżi rapida dwar każ speċifiku twettqet wara li l-Parlament Ewropew talab lill-QEA biex teżamina jekk il-finanzjament lil Euronews huwiex qed isir b'mod effiċjenti u trasparenti u jekk huwiex qed jintuża biss biex iwettaq il-mandat li ngħata lil Euronews.[3]

[3] L-ittra tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati tal-Parlament Ewropew, Frar 2018.

Operat ta’ Euronews

06 Euronews huwa wieħed minn 140 stazzjon iddedikati unikament għall-aħbarijiet li jinsabu fl-Ewropa. Huwa deskritt bħala stazzjon televiżiv tal-aħbarijiet globali b’bosta edizzjonijiet, li l-għan tiegħu huwa primarjament li jippreżenta l-aġenda dinjija minn perspettiva partikolari filwaqt li jagħmilha disponibbli globalment permezz ta’ edizzjonijiet transnazzjonali adattati[4]. Huwa jiffoka fuq udjenza globali u għandu aġenda editorjali globali. Euronews ixandar il-programmi tiegħu bi tmien lingwi tal-UE u b’erba’ lingwi oħrajn, kif jidher fil-***Figura 1***. Il-kompetituri prinċipali tiegħu huma DW (Deutsche Welle), “France 24”, AlJAzeera, i24News, l-istazzjon Russu RT, BBC World news (proprjetà tal-BBC) u CNN[5]. Madankollu, id-disponibbiltà ta’ *data* affidabbli dwar l-udjenza tal-istazzjon televiżiv Euronews, kif ukoll ta’ stazzjonijiet internazzjonali oħrajn tal-aħbarijiet hija limitata, prinċipalment minħabba l-ispiża għolja biex tinkiseb.

Figura 1 - Kronoloġija tal-lingwi koperti minn Euronews



Sors: Il-QEA.

07 Mit-tnedija tal-istazzjon sal-2015, il-kapital tal-ishma ta’ Euronews kien proprjetà ta’ grupp ta’ xandara pubbliċi li kienu membri tal-EBU. Tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-azzjonisti tiegħu wassal biex Euronews ifittex sħab ġodda għall-appoġġ u l-iżvilupp tal-attivitajiet tiegħu. F’dan il-punt, Media Globe Networks (MGN), kumpanija privata bbażata fil-Lussemburgu, akkwistat sehem ta’ 53 % tal-kapital tal-istazzjon. Sentejn wara, fl-2017, ix-xandar privat tal-Amerika ta’ Fuq, NBC, akkwista 25 % tal-kapital tal-ishma u MGN żied il-parteċipazzjoni tiegħu għal 60 %, bir-riżultat li s-sehem tax-xandara Ewropej u l-awtoritajiet lokali issa kien ta’ 15 %. Dawn l-operazzjonijiet

[4] “TV news channels in Europe” (Stazzjonijiet televiżivi tal-aħbarijiet fl-Ewropa) - l-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew (EAO) - Ottubru 2018.

[5] “TV news channels in Europe” (Stazzjonijiet televiżivi tal-aħbarijiet fl-Ewropa) - l-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew (EAO) - Ottubru 2018.

suċċessivi żiedu l-kapital tal-ishma minn EUR 4 032 840 għal EUR 26 885 595; primjum ta' akkwist, jiġifieri d-differenza bejn il-valur kontabilistiku ta' sehem u l-prezz imħallas ta' EUR 50 480 579, tħallas mill-azzjonisti l-ġodda.

08 Wara l-investiment minn MGN, Euronews beda programm ta' ristrutturar imsejjaħ "Euronews Next". L-ewwel kien hemm bidla minn xandir b'filmat komuni għal-lingwi kollha, għal xandir b'filmat għal kull lingwa. Għaldaqstant, it-telespettaturi issa jistgħu jaraw informazzjoni fuq l-iskrin bil-lingwa tagħhom stess, bir-rappurtar tal-aħbarijiet adattat għal udjenza nazzjonali, filwaqt li l-fokus jibqa' fuq ir-rappurtar tal-affarijiet kurrenti tal-UE. Dan jinvolvi l-produzzjoni ta' aktar kontenut minn qabel. Euronews wettaq ukoll ristrutturar fil-forza tax-xogħol tiegħu. Ix-xandir bl-Għarbi u bil-Farsi sar diġitali biss, li wassal għal tnaqqis fl-ispejjeż ta' dawn iż-żewġ edizzjonijiet. In-netwerk ta' korrispondenti tal-istazzjon kiber kemm numerikament kif ukoll ġeografikament. Il-wasla ta' NBC ġabet magħha wkoll it-tnedija, mill-edizzjoni Ingliża, ta' programmi ġodda matul is-sigħat bl-aktar telespettaturi, f'konformità mal-prattiki ta' progammar tal-kompetituri.

09 Ir-rappurtar finanzjarju ta' Euronews juri li d-dħul jiġġenera primarjament minn reklamar u mill-kuntratti ffirmati taħt il-Ftehim Qafas ta' Sħubija mal-Kummissjoni. Bejn l-2014 u l-2017, il-pagamenti mill-Kummissjoni lil Euronews żdiedu, minn 30 % għal 38 % tal-fatturat annwali ta' Euronews. Qed isiru sforzi minn Euronews biex id-dħul mir-reklamar jiżdied u s-sorsi tad-dħul jiġu ddiversifikati.

Interess ġenerali tal-UE u missjoni ta' servizz pubbliku

10 Fl-2009, id-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni (DĠ COMM) tal-Kummissjoni nieda evalwazzjoni indipendenti tar-relazzjoni kuntrattwali fundamentali bejn Euronews u l-Kummissjoni u kkonkluda li Euronews jista' jiddikjara li qed iwettaq rwol ta' servizz pubbliku. B'segwitu għall-evalwazzjoni, il-Kummissjoni qieset li l-istazzjon Euronews huwa korp li jsegwi għan ta' interess ġenerali Ewropew fil-qasam tal-informazzjoni[6] u rrikonoxxiet li dan l-istazzjon kien jinsab f'sitwazzjoni ta' monopolju *de facto*, kif ukoll li kien korp partikolari minħabba l-livell għoli ta' speċjalizzazzjoni fit-twettiq ta' azzjonijiet b'karatteristiċi speċifiċi[7]. Abbażi ta' dan, mill-2010, il-Ftehimiet Qafas ta' Sħubija u l-għotjiet li rriżultaw ingħataw mingħajr sejħa għal proposti, f'konformità mar-Regolament Finanzjarju[8].

11 Kull sena, meta l-Kummissjoni tkun qed tadotta l-programm ta' ħidma annwali u r-ripartizzjoni tal-baġit għal-linja ta' Azzjonijiet ta' Multimedia, il-Kummissjoni tikkonferma li dawn iċ-ċirkustanzi jkunu għadhom validi, jiġifieri li Euronews huwa korp li jsegwi għan ta' interess ġenerali Ewropew. Madankollu, is-sitwazzjoni nbidlet hekk kif ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid daħal fis-seħħ, f'Awwissu tal-2018, minħabba li m'għadx hemm referenza għal korpi li jsegwu l-interess ġenerali tal-Unjoni[9].

12 L-ebda Stat Membru tal-UE ma ta lil Euronews mandat ta' servizz pubbliku, jew ma kkunsidrah bħala servizz pubbliku tax-xandir, li jfisser li l-Istati Membri ma jipprovdulux finanzjament dirett. Barra minn hekk, l-Istati Membri tal-UE ma japplikawx l-obbligu ta' trażmissjoni għal Euronews. Dawn ir-regoli dwar l-obbligu ta' trażmissjoni jippermettu lill-gvernijiet biex jagħtu lill-istazzjonijiet li joffru kontenut li jissodisfa l-mira ta' interess pubbliku d-dritt li jittrażmettu fuq in-netwerks kollha[10]

---

6 L-Artikolu 162 tar-regoli ta' implimentazzjoni tar-Regolament Finanzjarju 2002

7 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-6.10.2010 dwar il-programm ta' ħidma annwali emendat fir-rigward ta' għotjiet u kuntratti pubbliċi fil-qasam tal-komunikazzjoni għall-2010.

8 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002.

9 Il-Premessa 124 u l-Artikolu 180 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018. https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX %3A32018R1046

10 "To Have or Not to Have Must-Carry Rules" (Għandu jkun hemm regoli dwar l-obbligu ta' trażmissjoni, jew le?) (Dokument ippubblikat mill-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew - Ottubru 2005).

(kejbil, satellita, televiżjoni terrestri diġitali). Għaldaqstant, Euronews mhuwiex aċċessibbli għall-maġġoranza taċ-ċittadini, jew anke għaċ-ċittadini kollha, fl-Unjoni Ewropea.

Indipendenza editorjali

13 Rigward ir-rekwiżit biex tiġi żgurata kemm l-indipendenza editorjali kif ukoll l-imparzjalità fil-livelli kollha u għall-edizzjonijiet lingwistiċi kollha, Euronews, li huwa kumpanija stabbilita legalment fi Franza, huwa soġġett għall-oqfsa regolatorji ta' Franza dwar il-komunikazzjoni awdjoviżiva[11].

14 Skont il-kuntratt tiegħu mal-Kummissjoni, l-istazzjon Euronews huwa marbut b'karta editorjali li tirregola l-produzzjoni u x-xandir ta' programmar sponsorjat mill-UE. F'dan id-dokument[12], l-istazzjon Euronews jimpenja lilu nnifsu li jikkonforma mal-istandards tal-ġurnaliżmu relatati mal-indipendenza editorjali, l-imparzjalità, id-diversità u r-rispett fil-konfront tat-telespettaturi fit-twettiq tal-obbligi marbutin mal-Ftehim Qafas ta' Sħubija mal-Kummissjoni. Aktar standards ta' etika li jridu jiġu rrispettati huma inklużi fir-rapporti annwali dwar it-trasparenza[13] ta' Euronews stess, li jindikaw kemm Euronews irnexxielu jwettaq l-impenji meħtieġa fl-ambitu tar-relazzjoni tiegħu mal-Kummissjoni.

15 Barra minn hekk, f'konformità mal-leġiżlazzjoni Franċiża, l-istazzjon Euronews fassal karta editorjali li tapplika għall-attivitajiet u l-programmi kollha prodotti u mxandra mill-istazzjon; dan id-dokument ma kienx ippubblikat meta saret l-analiżi tagħna.

16 Wara l-akkwist tal-maġġoranza tal-kapital tal-ishma mill-MGN fl-2015, Euronews introduċa bord editorjali konsultattiv biex jivvaluta l-prestazzjoni u l-istrateġija tad-dipartiment editorjali u biex jagħti pariri lill-maniġment dwar kwistjonijiet editorjali. Skont ir-regoli interni ta' Euronews, l-azzjonisti pubbliċi minoritarji jaħtru l-maġġoranza tal-membri tal-bord editorjali, inkluż il-President tiegħu, li għandu dritt ta' *veto* fuq kwistjonijiet editorjali. Fuq talba tal-bord editorjali, f'każijiet speċifiċi, Euronews

---

[11] Id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva); il-Liġi Nru 86-1067 tat-30 ta' Settembru 1986 dwar il-libertà ta' komunikazzjoni ("Loi Léotard") u l-Liġi 2009-258 tal-5 ta' Marzu 2009 dwar il-komunikazzjoni awdjoviżiva u s-servizz pubbliku ġdid tat-televiżjoni. Ara wkoll id-database dwar informazzjoni legali rilevanti għas-settur awdjoviżiv fl-Ewropa: https://merlin.obs.coe.int/.

[12] https://www.euronews.com/services-ue

[13] https://static.euronews.com/website/pdf/euronews-transparency-report-2018.pdf

jikkuntratta lill-“Osservatorio di Pavia” (OdP), istitut indipendenti ta’ analiżi u riċerka dwar il-komunikazzjoni tal-massa u kampanji elettorali[14], biex iwettaq valutazzjonijiet esterni dwar l-imparzjalità u l-indipendenza ta’ Euronews. Fil-perjodu mill-2016 sal-2018, l-OdP ħareġ erba’ rapporti dwar il-bilanċ, il-korrettezza u l-imparzjalità tal-produzzjoni ta’ Euronews, partikolarment rigward temi sensittivi bħar-rappurtar dwar kunflitti. Ir-rapporti annwali dwar it-trasparenza ta’ Euronews[15] jiżvelaw il-konklużjonijiet prinċipali ta’ dawn ir-rapporti. Is-sejbiet prinċipali ta’ dawn ir-rapporti huma li, fil-każijiet eżaminati, Euronews wera impenn għal korrettezza, preċiżjoni u imparzjalità, u li ma kien hemm l-ebda każ fejn l-indipendenza tal-ġurnalisti kienet imminata, kif ukoll li l-maġġoranza tal-istejjer imxandra kienu jirrappreżentaw firxa ta’ fehmiet differenti.

[14] https://www.osservatorio.it/en/profilo/

[15] Ir-Rapport dwar it-Trasparenza 2018, 2017 u 2016 ta’ Euronews.

Finanzjament, kontroll u monitoraġġ

17 L-ewwel Ftehim Qafas ta' Sħubija ta' erba' snin li sar bejn il-Kummissjoni u Euronews ġie iffirmat fl-2010. Fil-kuntest tal-bidliet fl-istruttura tas-sjieda, il-Kummissjoni u Euronews iffirmaw żewġ Ftehimiet Qafas ta' Sħubija tranżizzjonali ta' sena, fi tmiem l-2014 u l-2015. L-aktar Ftehim ta' Sħubija riċenti ta' erba' snin ġie iffirmat fi Frar tal-2017. Id-DĠ CNECT huwa d-DĠ prinċipali għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-Ftehim Qafas ta' Sħubija.

18 Skont dan il-ftehim, il-Kummissjoni tagħti għotjiet annwali lil Euronews għall-finanzjament tal-produzzjoni u x-xandir ta' programmi f'bosta lingwi, billi tuża primarjament il-linja baġitarja ta' "Azzjonijiet ta' Multimedia"[16]. Dawn l-approprjazzjonijiet jaqgħu taħt l-awtonomija amministrattiva tal-Kummissjoni[17].

19 Il-programm ta' ħidma annwali għal Azzjonijiet ta' Multimedia, li jservi bħala deċiżjoni ta' finanzjament, jindika l-azzjonijiet li d-DĠ CNECT ikun biħsiebu jiffinanzja matul is-sena finanzjarja[18]. Il-kuntratti konklużi bejn l-2014 u l-2018 , f'dan ir-rigward jingħataw fil-qosor fil-***Figura 2***. Il-finanzjament tal-attivitajiet ta' Euronews jirrappreżenta madwar 80 % tal-baġit annwali impenjat għal Azzjonijiet ta' Multimedia. L-istess linja baġitarja tiffinanzja wkoll konsorzju ta' xandara tar-radju (Euranet Plus), kif ukoll studji, evalwazzjonijiet u awditi, li prinċipalment jinvolvu l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Ftehim Qafas ta' Sħubija ma' Euronews.

---

[16] L-Abbozz ta' Baġit Ġenerali 2019 tal-Unjoni Ewropea - il-Volum 3, it-Taqsima III - il-Kummissjoni. https://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-mt.htm.

[17] L-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:32012R0966&from=MT li jikkorrispondi għall-Artikolu 58 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018.

[18] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma annwali għall-2018 għall-Azzjonijiet ta' Multimedia li sservi bħala deċiżjoni ta' finanzjament Brussell, 13.2.2018, C(2018) 708 finali.

Figura 2 - Kuntratti għal Azzjonijiet ta' Multimedia 2014 - 2018



Sors: ABAC datawarehouse.

20 Il-kuntratti speċifiċi konklużi mid-DĠ CNECT ma' Euronews huma relatati mal-produzzjoni u x-xandir ta' programmi Ewropej dwar l-affarijiet kurrenti tal-Unjoni u l-attivitajiet u l-politiki tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni tagħha, kif ukoll mal-produzzjoni u x-xandir ta' ċerti lingwi tal-UE u ta' pajjiżi terzi. Mit-12-il lingwa li jintużaw attwalment, 4 lingwi (l-Għarbi, il-Farsi, il-Grieg, l-Ungeriż) ġew introdotti fuq talba tal-Kummissjoni; l-ispiża għalihom, flimkien mal-ispiża għal-lingwa Portuġiża, li kienet diġà teżisti meta nbdiet il-kontribuzzjoni mill-Kummissjoni, tiġi ffinanzjata mil-linja baġitarja ta' Azzjonijiet ta' Multimedia bl-eċċezzjoni tal-Farsi li huwa ffinanzjat taħt l-ambitu tal-intestatura tal-baġit "Sensibilizzazzjoni informattiva dwar ir-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni" taħt it-titolu Strumenti tal-Politika Barranija.

21 Il-kuntratt prinċipali għall-"Programmi Ewropej" bħalissa jiffinanzja l-produzzjoni u x-xandir ta' formati differenti ta' programmi li jkopru l-aħbarijiet Ewropej. L-aħħar kuntratt konklużż f'Diċembru 2018 biex ikopri s-sena 2019 ammonta għal EUR 9 miljun u kien jinkludi wkoll il-finanzjament ta' netwerk ta' korrispondenti f'ħames pajjiżi Ewropej, ta' korrispondenti ta' netwerks soċjali fl-amministrazzjoni ċentrali, kif ukoll tal-produzzjoni ta' artikli tal-aħbarijiet minn netwerk ta' ġurnalisti freelance f'għadd ta' bliet kapitali tal-UE.

22 Barra minn hekk, taħt il-kappa tal-Ftehim Qafas ta' Sħubija, bosta Direttorati Ġenerali oħra tal-Kummissjoni jikkonkludu kuntratti speċifiċi ma' Euronews għall-produzzjoni u x-xandir ta' Rivisti u kontenut ieħor ta' kommunikazzjoni relatat mal-qasam tagħhom ta' politika. Dawn il-kuntratti ma jiġux iffinanzjati mil-linja baġitarja ta'

Azzjonijiet ta' Multimedia iżda mill-approprjazzjonijiet tal-bagit relatati mal-oqsma ta' politika kkonċernati. Kull DĠ li jikkonkludi kuntratt speċifiku għal rivista għandu d-dmir li jimmonitorja l-implimentazzjoni finanzjarja tiegħu. Bħala eżempju, fl-2017, tmien Direttorati Ġenerali (b'esklużjoni tad-DĠ CNECT) impenjaw madwar EUR 3.5 miljun biex jiffinanzjaw total ta' seba' kuntratti speċifiċi ma' Euronews.

23 Il-***Figura 3*** tippreżenta fil-qosor il-kuntratti kollha relatati ma' Euronews li ġew konklużi bejn l-2014 u l-2018, u identifikati permezz tal-analiżi tagħna. Il-valur totali ta' dawn il-kuntratti jammonta għal EUR 122 miljun, li jirrappreżenta medja annwali ta' EUR 24.5 miljun (li minnhom EUR 18-il miljun ġejjin mil-linja ta' Azzjonijiet ta' Multimedia).

Figura 3 - Azzjonijiet iffinanzjati bejn l-2014 u l-2018



Dettalji tar-rivisti (2014 - 2018)	
Futuris (DĠ RTD, JRC, DĠ CNECT)	5 487 721
Real economy (DĠ COMM, DĠ EMPL, DĠ ECFIN)	3 052 948
Business planet (DĠ GROW)	2 053 111
Aid zone (DĠ ECHO)	1 465 416
On the Frontline (DĠ HOME)	501 113
Ocean (DĠ MARE)	427 554
Smart regions (DĠ REGIO)	345 387
Generation Y (DĠ EAC)	218 782
TOTAL	**13 552 032**

Sors: Il-QEA dwar is-Sistema ta' Trasparenza Finanzjarja għall-perjodu 2014-2017 u *data* finanzjarja oħra għall-2018.

24 Mill-analiżi tagħna, ma kienx ċar kif id-DĠ CNECT jiżgura l-koordinazzjoni tad-diversi kuntratti speċifiċi ffirmati mis-servizzi differenti fl-ambitu tal-Ftehim Qafas ta' Sħubija. Il-Ftehim 2017-2020 ikopri n-natura tal-azzjonijiet. Madankollu, ma jipprevedix l-ammont massimu ta' finanzjament mill-Unjoni matul id-durata kollha tiegħu, sabiex jiġi pprovdut aċċertament li ma jkun sar l-ebda użu indebitu tal-ftehim qafas ta' sħubija. Dan inaqqas it-trasparenza tal-appoġġ finanzjarju pprovdut lil Euronews u l-obbligu ta' rendikont kumplessiv.

25 F'dak li jirrigwarda l-ispejjeż, fl-2013 il-Kummissjoni awtorizzat l-użu ta' spejjeż unitarji. Il-metodu użat biex jiġu kkalkulati dawn l-ispejjeż, li kien imniżżel fl-anness

tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni[19], ġie rivedut l-aħħar f'Ottubru tal-2018. Il-monitoraġġ finanzjarju tal-implimentazzjoni tal-Ftehim Qafas ta' Sħubija jinvolvi verifikazzjoni *ex ante* tal-ispejjeż unitarji kklejmjati minn Euronews għal kull kuntratt, il-verifikazzjoni tat-talbiet ta' pagament u l-iskrutinju tar-rappurtar dwar t-twettiq tal-azzjonijiet marbutin magħhom.

26 Kull sena, il-Kummissjoni testernalizza l-awditi finanzjarji *ex ante* biex tanalizza u tivverifika l-ispejjeż unitarji, li mbagħad jintużaw f'kuntratti speċifiċi għal ċertu perjodu. Aħna analizzajna r-riżultati ta' dawn l-awditi, li jiġbdu l-attenzjoni għal-limitazzjonijiet li ġejjin:

(a) Fin-nuqqas ta' sistema kontabilistika analitika, il-kalkolu tal-ispejjeż għall-programmi tal-UE jsir barra mis-sistema kontabilistika;

(b) Ma teżistix sistema ta' rendikont tas-sigħat ta' ħidma u għaldaqstant ċerti spejjeż għall-persunal jiġu allokati għal attivitajiet fuq il-bażi ta' stimi;

(c) Iċ-ċifri tal-udjenza użati biex jiġi allokat id-dħul għal servizzi ta' lingwi speċifiċi huma biss stimi;

(d) Il-kontrolli *ex post* huma meħtieġa biex jiġu kkonfermati ċerti stimi proviżorji użati biex jiġu ddeterminati l-ispejjeż unitarji.

27 Dawn il-limitazzjonijiet joħolqu riskju ta' devjazzjoni bejn l-ispejjeż unitarji u l-ispejjeż reali, li għadu ma ġeix indirizzat, u jikkostitwixxu riskju għall-ġestjoni finanzjarja tajba tal-kontribuzzjoni mill-UE.

[19] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-7.11.2013 li tawtorizza l-użu ta' spejjeż unitarji skont il-ftehimiet dwar għotjiet għall-azzjonijiet iffirmati ma' Euronews C(2013) 7360 finali.

Qafas għar-rappurtar dwar il-prestazzjoni

28 Il-Ftehim Qafas ta' Sħubija jistabbilixxi r-rekwiżiti ta' rappurtar dwar l-operat biex it-talbiet għall-pagament jiġu ġġustifikati. L-attività ta' monitoraġġ tal-operat tal-Kummissjoni tinvolvi verifika tal-progress ta' Euronews lejn l-ilħuq tal-objettivi stabbiliti fil-pjan ta' azzjoni inkluż fil-Ftehim Qafas ta' Sħubija (ara l-***Anness II***). Min-naħa tiegħu, Euronews beda wkoll iżomm rekord tal-prestazzjoni tiegħu billi jikkwantifika l-valuri tal-indikaturi fi tmiem is-sena, u jirrapporta dwar l-ilħuq tal-objettivi.

29 Barra minn hekk, il-Kummissjoni esternalizzat l-istudji u l-awditi tal-prestazzjoni biex tevalwa aspetti differenti tal-operat ta' Euronews (fl-2009, fl-2014, fl-2016 u fl-2018). L-insegwiment tar-rakkomandazzjonijiet li ħarġu minn dawn l-evalwazzjonijiet jaqa' taħt il-kompiti operazzjonali tal-Kummissjoni, kif jaqa' wkoll il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lil Euronews.

30 L-objettivi stabbiliti fil-pjan ta' azzjoni pluriennali marbut mal-Ftehim Qafas ta' Sħubija huma kemm kwantitattivi kif ukoll kwalitattivi. Ċerti indikaturi jirrikjedu li ssir analiżi kwalitattiva ulterjuri. Sad-data tal-analiżi tagħna, il-Kummissjoni ma kinitx stabbiliet sistema formali ta' monitoraġġ u kontroll biex tivverifika l-informazzjoni operazzjonali rrappurtata minn Euronews dwar l-indikaturi marbutin mal-objettivi.

31 Fi Frar 2017, Euronews qabel li jirrispetta l-impenji elenkati fit-***Tabella 1***, biex qabel il-konklużjoni tal-Ftehim Qafas ta' Sħubija 2017, jassigura lill-Kummissjoni li se tibqa' tinżamm l-imparzjalità editorjali tal-istazzjoni kif ukoll il-perspettiva Ewropea tiegħu b'segwitu għall-bidla tal-istruttura tiegħu tas-sjieda. Il-Kummissjoni trid tivverifika kull sena jekk Euronews ikunx qed jikkonforma mal-impenji stabbiliti, madankollu ma sibna l-ebda rabta formali bejn dawn l-impenji u l-kriterji għall-għotjiet fil-programm ta' ħidma annwali li tista' sservi bħala deċiżjoni ta' finanzjament.

Tabella 1 - Impenji ta' Euronews għall-perjodu 2017 - 2020

	Impenji ta' Euronews 2017 - 2020
1	Li tinxtered ta' informazzjoni imparzjali, pluralistika u indipendenti u li tiġi stabbilita stqarrija tal-missjoni li tiddefinixxi dawn il-prinċipji sottostanti komuni bil-għan li jinżammu l-perspettiva u l-karattru Ewropej.
2	Li jkompli jimplimenta l-prinċipji editorjali attwali u l-mekkaniżmi ta' governanza editorjali tiegħu, kif ukoll li jiddelega l-valutazzjoni esterna lil korpi indipendenti.
3	Li jżomm il-multilingwiżmu bħala wieħed mill-punti ta' forza prinċipali tiegħu
4	Li ma jkun hemm ebda tnaqqis fil-persunal minħabba bidliet fil-mudell tal-produzzjoni b'segwitu għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju l-ġdid
5	Li l-Uffiċjal Kap tal-Kontenut ikun meħtieġ ikollu għarfien approfondit tal-Affarijiet kurrenti tal-UE u tal-governanza tagħha
6	Li jinżamm l-isem "EURONEWS" u li dan l-isem jintwera b'mod prominenti fil-marka kummerċjali

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea.

Konklużjoni

32 Permezz tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji u l-ftehimiet ta' sħubija, il-Kummissjoni pprovdiet appoġġ lil Euronews biex jattira sħab ġodda, jiżviluppa mudell kummerċjali uniku, u jagħmel użu aħjar mit-teknoloġiji diġitali ta' trażmissjoni (ara l-paragrafi ***06*** u ***08***). Il-bidliet fl-istruttura tas-sjieda kienu akkumpanjati minn aġġornamenti għall-arranġamenti ta governanza, li flimkien mal-ambjent regolatorju (ara l-paragrafi ***13*** sa ***16***), jinfurzaw l-indipendenza editorjali.

33 Id-dħul tal-biċċa l-kbira mill-istazzjonijiet televiżivi tal-aħbarijiet huwa ġġenerat minn reklamar, abbonamenti u għotjiet li jingħataw mill-gvernijiet lis-servizzi pubbliċi tax-xandara[20]. L-Istati Membri tal-UE ma kkonċedew l-ebda missjoni ta' servizz pubbliku lil Euronews. L-UE tappoġġa parti fundamentali mill-introjtu kumplessiv ta' Euronews (ara l-paragrafi ***03, 09, 10*** sa ***12***). Il-kopertura ġeografika u lingwistika ta' Euronews ma tistax tinżamm mingħajr dan l-appoġġ (ara l-paragrafu ***20***).

34 Dan ifisser li l-Kummissjoni tipprovdi sors maġġuri ta' dħul għal stazzjon televiżiv li huwa, fil-parti l-kbira, proprjetà privata. Sar-reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju, dan l-appoġġ kien iġġustifikat fuq il-bażi li Euronews kellu l-għan li jaqdi l-interess ġenerali tal-Unjoni fil-qasam tal-informazzjoni. Madankollu, ir-Regolament Finanzjarju 2018 ma għadux jinkludi dispożizzjonijiet għal dan l-appoġġ [21] (ara l-paragrafi ***11*** u ***12***).

35 In-nuqqas ta' mekkaniżmu ta' koordinazzjoni formali fost id-diversi Direttorati Ġenerali li jikkonkludu kuntratti speċifiċi ma' Euronews, inaqqas kemm it-trasparenza tal-appoġġ finanzjarju pprovdut lil Euronews kif ukoll l-obbligu ta' rendikont (ara l-paragrafu ***20*** sa ***24***).

36 Il-limitazzjonijiet li rriżultaw mill-awditi *ex ante* tal-ispejjeż unitarji għadhom ma ġewx indirizzati. Huma jikkonċernaw in-nuqqas ta' sistema kontabilistika analitika u ta' sistema ta' rendikont tas-sigħat ta' ħidma, kif ukoll il-kejl tal-udjenza u stimi oħrajn.

"[20] "What is happening to television news?" (X'qed jiġri fil-qasam tal-aħbarijiet fuq it-televiżjoni?). Rapport mill-Istitut Reuters – Proġett tal-Aħbarijiet Diġitali 2016.

[21] Il-Kummissjoni ssostni li attwalment, l-għotjiet għal azzjoni jingħataw biss fuq il-bażi tal-Artikolu 195(c) u (f) tar-Regolament Finanzjarju, minkejja li d-deċiżjoni ta' Finanzjament u l-Ftehim Qafas ta' Sħubija ma' Euronews jippermettu li jingħataw għotjiet għall-operazzjonijiet fuq il-bażi tal-Artikolu 180(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Dawn il-limitazzjonijiet joħolqu riskju ta' devjazzjoni bejn l-ispejjeż unitarji u l-ispejjeż reali (ara l-paragrafi ***25*** sa ***27***).

37 Il-Kummissjoni introdućiet qafas għar-rappurtar dwar il-prestazzjoni biex tkejjel l-ilħuq ta' objettivi minn Euronews. Madankollu, il-Kummissjoni ma stabbilietx sistema biex tivverifika dan ir-rappurtar operazzjonali u biex torbot il-prestazzjoni mad-deċiżjoni annwali ta' finanzjament. Il-mekkaniżmi għall-kontroll tal-prestazzjoni jaħdmu fuq bażi *ad hoc* aktar milli fuq bażi ta' qafas ta' kontroll formali (ara l-paragrafi ***28*** sa ***31***).

Anness I - Xandara mill-UE u ta' pajjiżi terzi u awtoritajiet pubbliċi lokali



Sors: www.euronews.com/about.

Anness II - Objettivi tal-Ftehim Qafas ta' Sħubija għall-perjodu 2017 – 2021 u indikaturi relatati

Objettivi:	Indikaturi
1. Li jiżdied b'mod progressiv il-volum tar-rappurtar tiegħu dwar l-affarijiet kurrenti u l-politiki tal-UE	
	Għadd ta' lingwi tal-UE li jintużaw għall-produzzjoni ta' stejjer relatati mal-Ewropa
	Għadd ta' pajjiżi tal-UE minn fejn issir il-produzzjoni tal-istejjer
	Għadd ta' stejjer li jkopru l-affarijiet kurrenti Ewropej
	Programmi live
	Għadd ta' trażmissjonijiet mill-ġdid (għax-xandir televiżiv)
2. Li tkompli titjieb il-kwalità tar-rappurtar li jsir minn Euronews dwar l-affarijiet kurrenti tal-UE	
	Għadd ta' links esterni għall-kontenut tiegħu minn siti oħrajn mhux ta' tiftix jew minn siti tal-midja soċjali.
	Feedback tal-udjenza permezz ta' email, mit-taqsima tal-feedback tas-sit web tagħna, u permezz tal-midja soċjali; għadd ta' reazzjonijiet, retweets, kondiviżjoni u viżwalizzazzjoni tal-posts fuq il-midja soċjali.
	Involviment fuq Facebook (reazzjonijiet + kummenti + kondiviżjoni) kull sena
3. Li tiġi ggarantita perspettiva Ewropea għal kull edizzjoni lingwistika	
	Konformità mal-karta editorjali ta' Euronews
	Il-proporzjon tal-ħin tax-xandir iddedikat għall-affarijiet kurrenti Ewropej f'kull servizz lingwistiku, kemm f'lingwa tal-UE, kif ukoll f'lingwa ta' pajjiż terz
	Rigward it-televiżjoni, l-għadd ta' stejjer li jixxandru mill-ġdid mill-midja Ewropea; Euronews jirrapporta dwar l-użu il-kontenut tiegħu minn midja oħra. Dan l-indikatur huwa possibbli minħabba li tiżdied marka tal-ilma fuq il-kontenut vidjo.
4. Li titjieb il-kopertura diġitali tal-affarijiet kurrenti tal-UE, minn Euronews bħala parti minn strateġija usa' b'bosta pjattaformi	
	Brawżers uniċi
	Brawżers uniċi fl-Ewropa
	Viżwalizzazzjoni tal-paġni
	Viżwalizzazzjoni tal-paġni fl-Ewropa
	Durata ta' kull żjara
	Viżwalizzazzjoni fuq YouTube (Globali)
	Viżwalizzazzjoni fuq YouTube (Ewropa)
	Għadd ta' viżwalizzazzjonijiet fuq Facebook fi 28 ġurnata
	Inventarju tal-pjattaformi disponibbli li Euronews jinsab fuqhom
5. Li tiġi żgurata kopertura pluralistika tal-affarijiet kurrenti tal-UE, li tkun tkopri s-segmenti kollha tal-udjenza	
	Rapporti minn korp ta' monitoraġġ tal-midja indipendenti, l-Osservatorio di Pavia, li Euronews jikkoopera miegħu rigward fatturi li jinkludu bilanċ, korrettezza u imparzjalità.
	Feedback volontarju mill-udjenza tagħna kkomunikat permezz tan-netwerks soċjali, tal-email jew tas-sit web tagħna
	Stħarriġ tal-udjenza tagħna stess sabiex titkejjel il-perċezzjoni tal-isforzi ta' Euronews biex jiggarantixxi l-pluraliżmu
6. Li tiżdied il-produzzjoni u d-distribuzzjoni fil-lingwi tal-UE koperti	
	Għadd ta' lingwi tal-UE koperti minn Euronews
	Id-daqs tal-popolazzjoni fl-Ewropa li kapaċi tifhem l-istazzjon Euronews.
	Id-daqs tal-popolazzjoni mondjali li kapaċi tifhem l-istazzjon Euronews.
	Jiġu pprovduti rapporti perjodiċi li jagħtu stampa ġenerali aġġornata tal-istatus tal-osservanza tar-regoli ta' trażmissjoni f'kull pajjiż
7. Li jiġu ggarantiti kemm il-produzzjoni kif ukoll id-distribuzzjoni f'lingwi ta' pajjiżi terzi	
	Għadd ta' lingwi ta' pajjiżi terzi koperti minn Euronews
	Id-daqs tal-popolazzjoni mondjali li kapaċi tifhem l-istazzjon Euronews.
8. Li jiġu esplorati l-possibilitajiet biex jitwessa' l-istatus tas-servizz pubbliku ta' Euronews fil-pajjiżi tal-UE	
	Jiġu pprovduti rapporti perjodiċi li jagħtu stampa ġenerali aġġornata tal-istatus tal-osservanza tar-regoli ta' trażmissjoni f'kull pajjiż.

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea.

Din l-analiżi rapida dwar każ speċifiku tiddeskrivi l-iżvilupp tar-relazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u Euronews bejn l-2014 u l-2018 u l-attivitajiet li twettqu mill-Kummissjoni biex timmonitorja l-implimentazzjoni tal-Ftehim Qafas ta' Sħubija attwali.
L-analiżijiet rapidi dwar każijiet speċifiċi mwettqa mill-QEA jippreżentaw u jistabbilixxu fatti li jikkonċernaw kwistjonijiet jew problemi speċifiċi u ffukati ferm u, jekk ikun meħtieġ, jistgħu jinkludu analiżi li tgħin fil-fehim ta' dawn il-fatti. Analiżi rapida dwar każ speċifiku mhijiex awditu.

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx
Sit web: eca.europa.eu
Twitter: @EUAuditors

© Unjoni Ewropea, 2019.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li ma jaqax taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni Ewropea, irid jintalab il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

CURIA RATIONIUM
IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI